MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 747/2013

Mobisle **Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Sandra AXISA [ID. Nru. 530075M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf erba' mija erbgha u ghoxrin euro u wiehed u tletin ċenteżmi ta' euro [€1,424.31] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf, erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u tletin ċenteżmi (€1424.31) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50900409 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa [recte: hija] ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-28 ta' Novembru, 2013 u li fis-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-5 ta' Marzu, 2014, l-istess intimata, ammettiet it-Talba. L-istess intimata ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat huwa dovut u talbet lis-socjeta rikorrenti tikkonsidra li l-pagamenti dovuti jithallsu bir-rata ta' hamsa u sebghin euro (€75) fix-xahar.

Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti irrimetta ruhhu ghal din it-talba, b'dan li jekk it-Tribunal jikkunsidra tali talba, l-istess intimata ghandha titlef il-beneficcju tat-terminu f'kaz li hija tfalli pagament wiehed u li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta rikorrenti talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' €1,424.31 in konnessjoni ma' uzu ta' servizz ta'

kommunikazzjoni pprovdut minnha lilha. L-intimata ammettiet din it-talba, però talbet li hija tkun tista taghmel il-hlas permezz ta’ pagamenti mensili.

Ikkundsidra ulterjorment;

2. Illi in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut, u li ghandu jithallas mill-intimata lis-socjeta rikorrenti huwa ta’ elf erba’ mija erbgha u ghoxrin euro u wiehed u tletin ċenteżmi ta’ euro [€1,424.31].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta’ l-ammissjoni tal-intimata jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta’ elf erba’ mija erbgha u ghoxrin euro u wiehed u tletin ċenteżmi ta’ euro [€1,424.31] u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta’ elf erba’ mija erbgha u ghoxrin euro u wiehed u tletin ċenteżmi ta’ euro [€1,424.31] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effetiv.

Stante it-talba li ghamlet l-intimata u l-fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal f’dan ir-rigward, it-Tribunal jordna lill-intimata sabiex taghmel hlasijiet mensili lis-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ hamsa u sebghin euro [€75] fix-xahar, kull l-ahhar jum tax-xahar.

F’kaz li hija tfalli pagament wiehed (1) allura l-ammont bilanċjali kollu jiġi dovut immedjatament u konsegwentement hija titlef il-beneficcju tat-terminu lilha konċess.

L-ispejjez, in vista ta’ l-ammissjoni tal-intimata ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------